## IEQAF u AĦSEB

### *Fuq TLIETA toqgħod il- ... ĦAJJA*

Bil-Malti ngħidu li *"Fuq 3 toqgħod il-borma"*.
Imma minn dawn il-frażijiet nistgħu ngħidu li anke il-Ħajja:-

- Tlett affarijiet fil-ħajja li, ladarba jmorru, ma jerġgħux jiġu:
  Iż-Żmien – il-Kliem – l-Opportunitajiet
- Tlett affarijiet fil-ħajja li huma tassew prezzjużi:
  L-Imħabba – il-Kunfidenza – il-Ħbieb
- Tlett affarijiet fil-ħajja li ma taċċerta ruħek qatt minnhom:
  Il-Ħolm – is-Suċċess – il-Fortuna
- Tlett affarijiet fil-ħajja li jsawwru l-maturità:
  Ix-Xogħol – is-Sinċerità – ir-Responsabbiltà
- Tlett affarijiet fil-ħajja li jistgħu jkissru bniedem:
  Il-Vizzji – is-Suppervja – ir-Rabja
- Tlett affarijiet fil-ħajja li, ladarba mitlufa, diffiċli terġa' takkwistahom:
  Ir-Rispett – il-Fiduċja – il-Ħbiberija

**Mela ħu ħsieb li tkun taf sewwa**
**b'din ir-regola tat-Tlieta**
**ħalli tibża' għal Ħajtek.**



Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270



*Twieldet mill-ġdid bil-Magħmudija*
Juliet Cassar



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

Tel: 21649223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## TGĦALLEM LILL-INJURANT U TAGĦTI PARIR LID-DUBJUŻ

***Fil-preżenza u l-eżempju tal-Imgħallem Ġesù***

Fil-Bulla ta' Indizzjoni tal-Ġublew Straordinarju tas-Sena tal-Ħniena, ***'Misericordiæ Vultus'***, il-Papa Franġisku jgħid li: *«Quddiem il-kotra ta' nies li kienet timxi warajh, meta ra li kienu għajjenin u mitluqin, mitlufin u bla ħadd min imexxihom, Ġesù ħassu jitqanqal minn qiegħ qalbu għalihom (ara Mattew 9,36). B'din l-imħabba kollha ħniena hu fejjaq il-morda li kienu jressqulu quddiemu (ara Mattew 14,14), u bi ftit ħobż u ħutiet tema' ġmiegħi kbar (ara Mattew 15,37). Dak li lil Ġesù kien imexxih fiċ-ċirkustanzi kollha ma kienx ħlief il-ħniena, li biha kien jaqra fil-qlub ta' min kien ikollu quddiemu u jwieġeb għall-iktar bżonn veru tagħhom.»* [**Misericordiæ Vultus 8**] F'dan il-bżonn tagħhom, fil-Vanġelu, għal diversi drabi, insibu b'mod l-aktar evidenti l-fatt li Ġesù kien *"jgħallimhom ħafna ħwejjeġ."* (Mk 6,34) Tant hu hekk li anke meta marru biex jaqbduh fil-Ġnien taż-Żebbuġ, nisimgħuh jgħidilhom: *"Jien kuljum kont inkun bilqiegħda fit-tempju ngħallem, u ma żammejtunix."* U tassew, il-ħajja pubblika tiegħu nistgħu ngħidu li kienet tissarraf primarjament f'dawk l-atti ta' tagħlim u ta' ġid li jgħinuna ngħixu fit-triq ta' ulied Alla. Bl-istess mod, il-kliem qawwi tiegħu tal-Beatitudnijiet, il-parabboli li jiddeskrivu s-Saltna tas-sema u d-djalogi tiegħu ma' diversi persuni nistgħu ngħidu li għadhom iqanqluna u jgħaġġbuna sa' llum, u jħeġġu lill-Knisja kollha kemm hi biex fid-dawl ta' din il-verità ta' Kristu u b'fedeltà għat-tradizzjoni tagħha tagħraf dejjem aħjar tpoġġi fil-prattika d-diversi modi ta' kif tagħmel karità, fosthom li *tgħallem lill-injurant* u *tagħti parir lid-dubjuż*. Il-Knisja tikkunsidra dan id-dmir bħala wieħed mill-għemejjel tassew fundamentali: għandha mandat divin mogħti minn Kristu nnifsu biex tgħallem lill-poplu t'Alla fl-għerf u l-għarfien. Hija tassew attività spiritwali, imma b'effetti tassew umani.

***Imma x'qed nifhmu bl-Injurant?***
***U x'qed nifhmu b'li wieħed jgħallem?***

*L-injurant hu dak li ma jafx, jew jaf u ma jridx ipoġġi dak li jaf fil-prattika.* Ta' min jgħid li sa' minn żmien l-appostli, il-Knisja ħadet fuqha nnifisha d-dmir li sservi lill-foqra b'modi differenti, anke f'dan il-qasam: waqt li għarfet li l-illiteriżmu, u n-nuqqas ta' saħħa medika u ta' indafa personali, eċċ jġibu lill-Poplu t'Alla ilsier u vittma tal-faqar f'kull sens tal-kelma, kienu u huma diversi nsara li jiddedikaw ħajjithom biex jgħallmu l-għarfien u l-ħiliet. Qatt ma nistgħu niċħdu li diversi sforzi edukattivi, mediċi, eċċ. madwar id-dinja kienu, u wħud minnhom għadhom, inizzjattiva tad-diversi missjunarji kemm saċerdoti u kemm lajċi, f'irkejjen l-aktar remoti tad-dinja, speċjalment fil-partijiet l-aktar minsija u saħansitra perikolużi. Li wieħed isir litterat u jgħix f'kundizzjonijiet stabbli u tajbin tal-ħajja jiffaċilità lill-għemejjel tal-ħniena sabiex jidhru aktar possibbli u hekk jitwettqu b'aktar faċilità.

*ikompli f'paġna 2*

Għaldaqstant li wieħed jgħallem lill-oħrajn hija waħda mill-isbaħ ħidmiet li persuna tista' tagħmel. Per eżempju, il-ħidma ta' tant ġenituri *"li għandhom l-ewwel responsabbiltà fl-edukazzjoni tal-ulied."* [Katekiżmu tal-Knisja Kattolika 2223], u li bil-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ *"għandhom ir-responsabbiltà u l-privileġġ li jevanġelizzaw lil uliedhom."* [K.K.K. 2225]. X'paċenzja, ferħ u ġenerożità juru fl-attenzjoni li jagħtuhom biex jgħinuhom jilħqu l-maturità umana u dik spiritwali! Kif jistqarr Papa Franġisku: *"L-omm, fuq kollox, tgħallem it-triq it-tajba fil-ħajja u tiggwida lill-uliedha. Ma titgħallimx dan mill-kotba, imma mill-istess qalbha."* U l-istess bħall-ommijiet insemmu lill-missirijiet li wkoll iridu jitgħallmu kuljum, b'rieda sħiħa, biex ikun rġiel u missirijiet twajba, jagħmlu li jistgħu biex imantnu u jħeġġu l-atmosefera tal-imħabba f'darhom. Finalment ejjew nagħrfu li kull wieħed minna hu msejjaħ jaqsam mal-oħrajn id-doni u t-talenti speċjali, bħalma huma t-tagħlim tal-mużika, tal-logħob, u tal-lingwi, kif ukoll tad-diversi ħiliet li jiżviluppa jew jikseb.

Imma ejjew nagħrfu wkoll li fid-dawl tal-fidi, mill-injuranza kollha, l-aktar waħda perikoluża hija dik li wieħed ma jkunx jaf jew saħansitra jasal li jinjora lil Kristu, l-Imgħallem veru (Mattew 23,10), li t-tagħlim tiegħu hu mogħti mill-Missier (Ġwanni 7,16). Wara l-qawmien mill-imwiet hu l-Mulej Ġesù li jibgħat lid-dixxipli tiegħu lill-ġnus kollha biex jgħammduhom u jgħallmuhom iħarsu dak kollu li ordna hu. (Mattew 28,19-20). U biex isostnihom f'dan id-dmir jiggarantixxi l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li jgħallimhom kollox u li jfakkarhom dak kollu li Ġesù qal (Ġwanni 14,26). Hekk l-appostli, u dawk kollha li huma afdati b'dan l-irwol, huma msejħin biex jgħallmu f'isem Kristu stess u mhux f'isimhom. (Atti 4,18; 5,28). Hekk tassew nistgħu mhux biss nifhmu imma saħansitra napprezzaw aktar kliem il-qaddis popolari Malti, San Ġorġ Preca: *"It-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid."*

***Min hu d-Dubjuż?***
***U x'qed nifhmu b'li wieħed jgħallem?***

Mill-banda 'l oħra, *id-dubjuż huwa dak li ma jafx jagħżel bejn żewġ affarijiet jew iktar,* u li jinqabad fil-ħsibijiet, li mhux l-ewwel darba jiżviluppaw f'ċiniżmu u sarkażmu (li wieħed iwaqqa' kollox għaċ-ċajt), jew jibda jdur ma' kull riħ f'dawk li huma prinċipji. Kif jistqarr San Ġakbu fl-Ittra tiegħu: *"Min jitħasseb ikun jixbah lill-mewġ tal-baħar imqanqal u mqalleb bir-riħ. ... Hu bniedem mifxul fih innifsu, u mhuwiex żgur mit-triq li jagħżel."* (Ġak 1,6.8). L-Evanġelji wkoll juruna lill-Mulej Ġesù li mhux jitwarrab jew jikkundanna, imma saħansitra jersaq qrib id-dubjużi u jagħmlilhom diversi mistoqsijiet b'tali mod li jressaqhom għall-verità: hekk jagħmel mad-dixxipli tiegħu, hekk jagħmel ma' Nikodemu, u mas-Samaritana, hekk ukoll jagħmel mad-dixxipli ta' Emmaws.

U dan il-ġest ta' Ġesù, il-Knisja wkoll hija msejjħa biex tgħixu. Infatti nistgħu ngħidu li sa' mill-bidunett tat-twaqqif tagħha kienu diversi l-irġiel u n-nisa li l-Mulej żejjinhom bid-don tal-parir, u li permezz tagħhom wieħed jagħraf jimxi fit-triq tal-akkumpanjament spiritwali, b'paċenzja kbira u b'libertà għall-ħajja skont ir-rieda ta' Alla. Kemm kellna, u anke fi żmienna, għad għandna għatx li jkollna persuni li kapaċi nafdawhom b'kelma, li jkunu lesti li jisimgħuna, li jfarrġuna u jifthulna għajnejna sew f'mumenti ta' deċiżjonijiet, speċjalment fejn tidħol id-direzzjoni spiritwali!

Imma waqt li jkun tassew bniedem li jgħix, josserva, u jirrifletti fuq il-ħajja, kulmin jaqdi fl-irwol li jagħti pariri tajbin, jew jgħallem, u hekk jgħin lil ħaddieħor bl-akbar sinċerità u responsabbiltà, irid ikun ukoll persuna li kapaċi tisma': jiftaħ dejjem aktar widnejh, moħħu u qalbu għat-tagħlim tal-Imgħallem. Għax li nisimgħu u naqraw il-Kelma ta' Alla b'attenzjoni u b'ġabra tagħmilna aktar sensittivi għall-esperjenza ta' ħniena ta' Missierna tas-sema, u aktar kapaċi nintebħu bl-ispirazzjonijiet tal-Ispirtu s-Santu. Hekk aktar inkunu kapaċi inħallu u naraw lil Kristu jaġixxi fina, waqt li ngħallmu u nagħtu parir lil xi ħadd. U li wieħed jagħti parir opportun u ta' għajnuna jfisser li jkun qed iwettaq att ta' ġenerożità, fejn ma jeħilx fl-egoiżmu tiegħu, imma jagħraf ipoġġi lilu nnifsu fis-sitwazzjoni ta' min jiġi jafdah, ħalli jipprova jifhmu b'mod aktar profond, anke fid-dawl taċ-ċirkustanzi personali tiegħu. Hekk ikun jista' joffri l-aħjar parir, liema parir ikun ħiereġ minn ħbiberija, u dejjem ikollu ton sopranaturali, ladarba dan huwa l-mod ta' kif nistgħu ngħinu lill-oħrajn jaraw l-affarijiet f'perspettiva li tinkludi lil Alla.

Biss għandna dejjem niftakru li *l-kliem iqanqal, imma l-eżempju jkaxkar.* Aħna ma nistgħux nippriedkaw u ngħallmu dak li aħna stess ma ngħixux. Fi kliem ieħor, aħna rridu ngħallmu dak li ta' lanqas qed nippruvaw npoġġu fil-prattika. U din hija l-fedeltà tagħna bħala nsara li qed nieħdu l-fidi bis-serjetà.

***Fil-prattika għal dan ix-xahar***

Agħżel silta mill-Kelma ta' Alla biex taqra u timmedita, titlob u tikkontempla:

- Salm 119,88;
- Mk 1,27; Mt. 23,1-10;
- Mt. 28,19-20;
- Ġw. 7,16; Ġw. 14,9; Ġw. 14,26;
- Atti 4,18; Atti 5,28; Atti 5,42;
- 2 Tim. 3,16
- Tob. 4,18;
- Ġob 12,13;
- Salm 16,7; Salm 32,8;
- Sir. 37,7-15;
- Is. 41,28;
- Ġak. 1,6-8.

Fid-dawl ta' din il-Kelma ersaq lejn dawn il-mistoqsijiet li jkomplu jiggwidawk fir-riflessjoni dwar dawn iż-2 opri tal-ħniena:

- Kemm tiddedika ħin għall-Iskrittura fil-ħajja tiegħek ta' kuljum?
- Kemm inti konvint li l-Mulej Ġesù hu tassew l-Imgħallem tiegħek?
- Meta tgħallem xi ħaġa lill-ħaddieħor, qed tgħallimha f'isem Kristu jew f'ismek?
- Meta l-ħsibijiet tiegħek jitqallbu, għandek lil xi ħadd *mibgħut minn Alla* li jakkumpanjak u li miegħu tista' tiftaħ qalbek u jgħinnek?
- Jekk il-Mulej żejnek bid-don li taf tagħti parir, qed tpoġġih għad-dispożizzjoni ta' min hu fil-bżonn?

*"Tagħlim l-għaref jikber bħal għargħar, u t-twissija tiegħu bħal għajn ta' ilma ġieri."*

(Bin Sirak 21,13)

***Dun David Farrugia***

# Id-Djarju tal-Parroċċa – Lulju 2016

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn 27 ta' Ġunju<br>sal-Ġimgħa 1 ta' Lulju | **Ġimgħa ta' Tagħlim**<br>***HESED-EMET* - Ħanin u ta' qalb tajba.**<br>Fis-7:15pm - Quddiem il-Kappella ta' Santa Marija. |
| Il-Ġimgħa 1 ta' Lulju | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa fil-knisja<br>Fis-7:15pm - Laqgħa ta' Tagħlim quddiem il-Kappella ta' Santa Marija<br>Fit-7:45pm - Ħin ta' Adorazzjoni quddiem il-Kappella ta' Santa Marija. |
| It-Tlieta 18 ta' Lulju | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |